**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIŻJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAĠISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**23 ta’ Settembru 2020**

**Rikors Numru 19/2021**

**Darrell Micallef**

**Vs**

**Awtorita` tad-Djar**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ta’ **Darrell Micallef** ippreżentat fit-23 ta’ Marzu 2021 li permezz tiegħu ppremetta s-segwenti:-
“

> *1.Illi l-esponenti ilu jgħix fid-dar 92 ,Shalom Sister str, Paola għal dawn l-aħħar erbgħa snin skorruti flimkien mal-lum mejjet Francis Micallef li jiġi z-ziju dirett tiegħu.*
>
> *2.Illi Francis Micallef (id 823950M) daħal f’konvenju fl-14 ta’ Awissu 2019 (Dokument RG1) mal-intimati sabiex jkun jistgħa jixtri l-post imsemmi u cioe’ 92, “Shalom” Sister str, Paola u fuq l-istess l-imsemmija rċeviet depositu ta’ tlett elef disa mija u sitta u tmenin ewro u ħamsin ċenteżmu (€3,986.50c) (Dokument RG2) liema konvenju għadu pendenti u la ġie revokat anzi l-imsemmi kien inkariga lin-Nutar Pubbliku Bartolomeo Micallef li kien qiegħed jistenna sabiex jiġi stabbilit jum għall-kuntratt finali.*
>
> *3. Illi l-imsemmi Francis Micallef (id 823950M) sfortunatament ġie nieqes nhar it-12 ta’ Ottubru 2020 u skont r-riċerki testamentarji (Dokument RG3, RG4,RG5 u RG6) jirriżulta li l-aħħar testament li ħalla kien dak fl-atti tan-Nutar Bartolomeo Micallef tat-30 ta’ Lulju 2020 u ma ħalliex ebda testament sigriet jew testament pubbliku ieħor.*
>
> *4.Illi ai termini tal-istess skont l-artikolu tnejn l-werriet uniku tiegħu huwa ir-rikorrenti u li għalhekk għandu ukoll d-dritt li jidħol fil-posizzjoni legali u jkompli fix-xiri tal-post imsemmi ai termini tal-istess konvenju.*

*5.Illi b'ittra legali datata 1 ta' Frar 2021 (Dokument RG7) r-rikorrenti nforma l-intimati b'dan kollu u talab li jiġi debitament rikonoxxut sabiex jsir l-kuntratt.*

*6.Illi inoltre l-esponenti talab (Dokument RG8) ukoll fil-frattemp li jsir u jiġi finalizzat l-kuntratt pubbliku ta' xiri li jiġi rikonoxxut bħala inkwilin tal-istess.*

*7.Illi l-esponenti sab avviż (RG9) imwaħħal mal-proprjeta fejn jgħix u kiteb mill-ġdid b'ittra datata 15 ta' Frar 2021 (RG10) lill-intimati sabiex jitlob li jiġi rikonoxxut u jsir il-kuntratt pero għaż-żewġ ittra huwa baqa ma rċieva ebda tweġiba.*

*8.Illi għalhekk fil- 15 ta' Marzu 2021 (RG11) huwa ressaq ittra uffiċjali jinterpella lill-imsemmija awtorita intimate tersaq u tiffirma l-kuntratt ai termini tal-istess konvenju.*

*9.Illi l-esponenti għal dan irċieva ittra bil-posta datata 12 ta' Marzu 2021 (RG12) li rċieva fl-20 ta' Marzu 2021 li fiha huwa ġie infurmat l-ewwel li ma ġiex rikonoxxut bħala inkwilin u t-tieni li ġie ordnat jżgombra mill-imsemmi post.*

*10.Illi l-esponenti jħossu aggravat b'din d-deċiżjoni ntempestiva u minnha bil-presenti qiegħed jressaq appell quddiem dan t-Tribunal Onorabbli.*

*11.Illi l-aggravju huwa ċar u manifest u jikkonsisti fis-segwenti*

*a. Illi fl-ewwel lok l-esponenti ma jara ebda raġuni valida fil-liġi sabiex jkun hemm r-rifjut tar-rikonoxximent tiegħu bħala inkwilin fil-kirja kif ukoll l-iżgumbrament tiegħu mill-post fejn jgħix bħala residenza abitwali. L-imsemmija ma fiha ebda spjegazzjoni jew motivazjoni imma hija deċiżjoni arbitrarja u mhux bażata fuq il-liġi. Mhux biss imma l-imsemmija Awtorita intimata ċaħdet effettivament milli tagħti lill-esponenti d-dritt ta' appell mill-imsemmija deċiżjoni quddiem dan it-Tribunal. Mhux biss imma huwa ukoll gravi u serju li minkejja li l-esponenti kiteb darbtejn għall-spjegazzjoni da parti tiegħu fejn talab rikonoxximent minn naħħa tal-Awtorita dawn l-ittri ġew kompletament injorati.*
*a.i. Illi dan l-ewwel jmur kontra s-sub-artikolu tnejn (2) "a" tal-Kapitolu 490 Att Dwar il-Ġustizzja Amministrattiva li jgħid li tribunal amministrattiv għandu jirrispetta d-dritt tal-partijiet li jingħataw smiegħ xieraq , inklużi l-prinċipji tal-ġustizzja naturali. i) nemo judex in causa sua ;ii) audi et alteram partem.*
*a.ii.Illi fit-tieni lok dan jmur ukoll kontra s-sub-artikolu tnejn (2) "h" tal-Kapitolu 490 Att Dwar il-Ġustizzja Amministrattiva li jgħid li s-sentenzi għandhom ikunu motivati "Tribunal amministrattiv għandu jagħti, b'mod biżżejjed ċar, il-motivi li fuqhom tkun mibnija deċiżjoni." U dan kif huwa rifless fl-insenjament kostituzzjonali tagħna senjatament kif ġie deċiż mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fil-kawża Raymond Gauci vs Il-Pulizja et fis-27 ta' Ġunju 2002 fejn l-Qorti r-riaffermat li għandha bżonn ta' deċiżjoni motivata u dan huwa parti mill-priniċipju ta' smiegħ xieraq u ta appell.*

*b.Illi tali deċiżjonijiet amministrattivi huma żbaljati u invjolazzjoni tad-drittijiet tal-esponenti għax huwa kien qiegħed leġitimament jistenna u cioe' kien hemm "legitimate expectation" bil-mod ta' kif ddikjarat ruħa l-Awtorita tad-Djar, l-laqgħat li saru ma n-Nutar Bartolomeo Micallef u ma familjari tiegħu inkluż d-decujus Francis Micallef u li kollox kien miexi fid-direzzjoni li ser jsir il-kuntratt publiku neċessarju u dan b'dannu lill-esponenti.*

*ċ.Illi l-esponenti konsegwentement jissottometti li fl-ittra tat-12 ta' Marzu 2021 hemm vjolazzjoni tad-drittijiet tiegħu u għalhekk ma hiex valida fil-liġi għax ma setgħetx tingħata. Dan għax qedha tibbaża ruħu fuq nuqqas ta' motivazzjoni jew spejagazzjoni. Għalhekk hija ma setgħetx tinjora li għad hemm rabta legali u vinkolanti u arbitrarjament tieħu l-liġi f'idejha u tieħu l-passi u deċiżjonijiet amministrattivi li għamlet.*

*d.Illi inoltre ta' dan hemm l-aggravju ulterjuri l-imsemmija Awtorita ma rrikonoxxietx lill-esponenti d-dritt tiegħu ai termini tal-liġi u konsegwentement ċaħditlu l-vantaġġ li huwa leġittimament għandu jkollu.*
*Għaldaqstant l-appellanti fil-waqt li jgħamel referenza għas-suespost , għall-prova diġa prodotta u dawk producċibbli quddiem dan it-Tribunal Onorabbli kif ukoll għas-sottomissjonijiet li saru u dawk sollevabbli jitlob bir-rispett li dan it-Tribunal jogħġbu jirrevoka, jħassar u jannulla d-deċiżjonijiet li ttieħdu fl-ittra datata 12 ta' Marzu 2021 u għalhekk jirrintegra lill-esponenti fil-posizzjoni leġittima u legali tiegħu u konsegwentment li jingħataw dawk l-ordnijiet jew provvedimenti oħra li jidhirlu xierqa u ġusti sabiex jiġi rikonoxxut bħala inkwilin kif ukoll sabiex ma jkun hemmx l-iżgumbrament nġust tiegħu."*

Ra r-risposta **tal-Awtorita` tad-Djar** ippreżentata fit-30 ta' Marzu 2021 li permezz tagħha eċċepiet is-segwenti:-

*"Illi it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt;*

*Illi anke kieku kien veru li l-attur kien qed jgħix ma' zijuh fil-fond de quo, dan ma jagħtih ebda drittijiet fuq il-kirja tal-istess fond, ma jagħmlux inkwilin u l-Awtorita' tad-Djar mhijiex obbligata li tirrikonoxxih bħala l-inkwilin ġdid wara il-mewt ta' zijuh.*

*Illi intant jekk il-mejjet Francis Micallef kellu konvenju mal-Awtorita' tad-Djar biex jixtri il-fond li fih kien jgħix bħala inkwilin dan kien konvenju li seta isir għax huwa kien l-inkwilin rikonoxxut. U il-prezz kien stabbilit tenut kont tal-introjtu tiegħu. Dawn il-kondizzjonijiet ma jistgħux għalhekk jiġu trasferiti lil xi ħadd ieħor u kienu jifformaw parti integrali mill-istess konvenju. Qed tiġi annessa l-iskema Sir Sid Darek tal-21 ta' Frar 2014 (DOK HA1) li taħtha Francis Micallef kien appplika. Dawn il-kondizzjonijiet ma japplikawx għall-attur. Fil-fatt il-fond li jiswa €76,166 kien ser jinbigħ bis-saħħa tal—iskema, lil Francis Micallef għal prezz ta' €39,615.*

*Illi intant il-konvenju għalaq fl-14 ta' Frar 2020. U id—drittijiet fuq il-konvenju mhux trasferibbli. Ma saret ebda itttra uffiċjali qabel dik id-data u intant il-konvenju jindika li l-istess konvenju ma kienx wieħed trasferibbli.*

*Illi l-Awtorita' tad-Djar mhijiex entita' ġudizzjarja imma amministrattiva. L-Awtorita' tad-Djar għandha numru limitat ta' postijiet li hi tikri lil min ikun fil-bżonn u lil min ikun l-iżjed meritevoli. IL-fat li kif qed jgħid l-attur huwa daħal jgħix ma' zijuh erba snin qabel ma dan mkien ma jagħtih ebda dritt li jiġi rikonoxxut bħala inkwilin tal-fond li kien jokkupa zijuh.*

*Illi l-esponenti għandha lista ta' nies li huma fil-bżonn ta' akkomodazzjoni soċjali u anzi li il-bżonnijiet tagħhom huma akbar minn dawk tall-atttur. Għalhekk hemm bord li jara min ikun l-aktar meritevoli biex jieħu il-kirja ta' post li jkun tbattal jew li l-inkwilin li jkun jokkupah ikun miet.*

*Illi allaħares min jaqbad u jidħol jgħix ma' inkwilin ta' post governattiv jista awtomatikament jieħu il-post għalih kif qed jippretendi l-attur;*

*Ma kien hemm involut ebda Tribunal Amministrattiv u ma kien hemm ebda deċiżjoni mogħtija minn xi Tribunal amministrattiv. Kull meta inkwilin imut u għalhekk ma jkunx hemm inkwilin l-Awtorita' tara il-listi tagħha u l-applikazzjonijiet li jkollha u tiddeċiedi min għandu ikun rikonoxxut. Biex dan jiġri irid jiġi imbatttal il-fond u wara l-lista u l-applikazzjonijiet jiġu studjati biex l-Awtorita' tara min irid ikun akkomodat u min huwa l-aktar fil-bżonn;*

*Illi l-fatt li l-esponenti jidħol fil-fond, jibdel il-karta tal-identita' fuq il-fond de quo u jidħol jgħix mal-inkwilin ma jintitolax lill-esponenti li jiġi rikonoxxut bħala inkwilin jekk l-istess fond jiġi vakat temporanjament jew b'mod permanenti mill-inkwilin rikonoxxut. U allaħares ma kienx hekk għax kieku il-Gvern qatt ma jkun jista jieħu il-postiiet tiegħu lura biex jgħin lil min ikun l-aktar fil-bżonn. Dan ukoll irrikonoxxieh it-Tribunal għar-Reviżjoni Amministrattiva fil-kawża numru 52/2020 fl-ismijiet Giulio Zammit v l-Awtorita' tad-Djar fejn intqal hekk:*

*"It-Tribunal josserva li l-fatt li l-indirizz tal-Karta ta' l-Identita jġib l-indirizz tal-fond in kwistjoni ma jagħti l-ebda titolu legali lir-rikorrent."*

*Illi meta ikun hemm talbiet għal rikonoxximent min-nies li allegattament jgħixu mal-inkwilin, bħal f'dan il-każ, l-Awtorita' tagħmel sensiela ta' investigazzjonijiet sabiex, fost affarijiet oħra, tara wkoll kemm verament ilu jgħix mal-inkwilin. F'dan il-każ partikulari irriżulta li l-esponenti qaleb il-karta tal-identita' tiegħu fuq il-fond de quo 17 ta' Mejju 2019, u allura dan juri li ma kienx ilu jgħix mal-inkwilin rikonoxxut.*

*Illi kif anke irrikonoxxa t-Tribunal għar-Reviżjoni Amministrattiva fid-deċiżjoni tiegħu taħt Kapitlu 573 fil-kawża numru 52/2020 fl-ismijiet Giulio Zammit v l-Awtorita' tad-Djar*

*"biex fond tal-Awtorita` jiġi allokat lil xi individwu dan irid jgħaddi minn ċertu testijiet u dan sabiex il-proċess ikun wieħed trasparenti u oġġettiv. Huwa fatt magħruf li l-Awtorità tad-Djar għandha sistema ta' punti li talloka fuq bażi ta' mertu għall-każijiet li jitressqu quddiemha, u li min jiġi allokat fond mingħandha għall-kiri jkun issodisfa r-rekwiżiti imposti mill-istess Awtorità, u dan sabiex jiġi assigurat li dawn il-fondi verament jinkrew lil min għandu bżonn akkomodazzjoni soċjali.... Anke jekk għall-grazzja tal- argument jikkwalifika għal tali benefiċċju, ried isir assessjar ulterjuri biex jiġi verifikat jekk l-appartament li jgħix fih huwiex kommisurat mal-bżonnijiet tiegħu jew inkella jistgħax jaqdi l-bżonnijiet ta' familja forsi iktar numeruża.";*

*Illi l-Awtorita' bl-ebda mod ma njorat l-ittra li rċieviet b'talba għal rikonoxximent mill-esponenti. Tant hu hekk li wara t-talba li saret mill-esponenti intbgħatu żewġ ittri datati 4 ta' Frar 2021 u 12 ta' Marzu 2021, annessi u mmarkati bħala DOK HA2 u HA3, rispettivament, liema ittri l-esponenti huwa wkoll a konjizzjoni tagħhom u dan skont kif indikat minnu fir-rikors;*

*Għaldaqstant l-Onorabbli Tribunal għandu jiċħad it-talba imressqa quddiemu mill-attur .*
*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri permessi bil-liġi."*

Sema' x-xhieda;

Ra d-dokumenti kollha pprezentati;

Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet;

Ra li r-rikors tħalla għal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent ħassu aggravat b'deċiżjoni tal-Awtorita` intimata kif kontenuta f'ittra datata 12 ta' Marzu 2021 li permezz tagħha ġie infurmat li ma kienx ġie rikonoxxut bħala l-inkwilin tal-fond "Shalom", Triq is-Sorijiet, Raħal Ġdid u ġie ordnat ukoll sabiex jiżgombra mill-istess fond.

Illi mill-provi prodotti jirriżulta illi l-Awtorita` intimata kienet ikkonċediet kirja favur ċertu Francis Micallef, iz-ziju tar-rikorrent, liema kirja bdiet fid-19 ta' Jannar 1996.[1] Jirriżulta wkoll illi fl-14 ta' Awwissu 2019 Francis Micallef kien daħal f'konvenju mal-Awtorita` intimata sabiex jixtri l-fond in kwistjoni.[2] Madanakollu, fit-12 ta' Ottubru 2020 Francis Micallef ġie nieqes u l-kuntratt finali kien għadu ma ġiex iffirmat.

Illi skont **ir-rikorrent** huwa kien mar jgħix ma' zijuh ċirka fis-sena 2014 stante li kellu bżonn xi ħadd min joqgħod miegħu. Jispjega li wara li zijuh miet u ħallih eredi uniku tiegħu, huwa ħass li kellu jiġi rikonoxxut bħala inkwilin tal-fond in kwistjoni u li jixtri l-istess fond peress li daħal fiż-żarbun legali ta' zijuh.

Illi mill-provi jirriżulta wkoll illi r-rikorrent intavola proċeduri oħra kontra l-Awtorita` intimata quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex l-Awtorita` intimata taddivjeni għall-kuntratt finali mar-rikorrenti. Illi għalhekk il-kwisjtoni li se jinvesti t-Tribunal hija limitata għall-ordni ta' żgumbrament maħruġa mill-Awtorita` intimata.[3]

Ir-rikorrent ressaq bħala xhieda xi ġirien li qalu li huma jafuh jgħix fil-fond in kwistjoni għal dawn l-aħħar snin.

**Mariella Mendez**, *Executive Head* tal-Awtorita` intimata, xehdet illi wara li ġie nieqes l-inkwilin rikonoxxut, u cioe` Francis Micallef, l-Awtorita` għamlet spezzjonijiet biex tara jekk hemmx inkwilin ieħor li seta' jiġi rikonoxxut biex jixtri l-fond. Tispjega li hija kienet kellmet permezz tat-telefon lir-rikorrent peress li l-istess rikorrent kien interessat fix-xiri tal-post. Spjegat ukoll li mhix

[1] Dokument BB1 a fol. 86
[2] Dokument RG1 a fol. 6
[3] Ara sottomissjoni ta' Dr. Carmelo Mifsud Bonnici a fol. 73

xi ħaġa awtomatika li għax persuna tkun qiegħda tgħix ma' inkwilin din se tiġi rikonoxxuta bħala inkwilin mill-Awtorita`.

**Dr. Bryony Balzia Bartolo**, uffiċjal legali mal-Awtorita` intimata, spjegat illi fil-5 ta' Novembru 2020 ir-rikorrent kien informa lill-Awtorita` li xtaq li l-kera tinqaleb f'ismu. Spjegat li l-Awtorita` rriżultalha li r-rikorrent biddel l-indirizz tal-Karta ta' l-Identita` fis-17 ta' Mejju 2019. Permezz ta' ittri tal-4 ta' Frar 2021 u tat-12 ta' Marzu 2021 l-Awtorita` infurmat ir-rikorrent lit-talba tiegħu ma ġietx aċċettata. Tispjega in oltre illi l-konvenju li kellu Francis Micallef seta' jsir bil-prezz miftiehem għaliex hu kien l-inkwilin rikonoxxut u tenut kont tal-introjtu tiegħu. Għaldaqstant il-kundizzjonijiet tal-istess konvenju ma jistgħux jiġu trasferiti fuq terzi.

In kontro-eżami spjegat illi jekk persuna tkun qalbet il-Karta ta' l-Identita` ftit żmien qabel il-mewt tal-inwkilin rikonoxxut u ma jkunx ilu jgħix fil-post, allura ma jsirx ir-rikonoxximent, speċjalment meta l-persuna lanqas biss ikollha applikazzjoni għal akkomodazzjoni soċjali. Tispjega li l-Awtorita` ma kinitx ġiet infurmata li r-rikorrent kien beda jgħix ma' zijuh.

**Ikkunsidra**:

Illi l-aggravji tar-rikorrent huma fis-suċċint is-segwenti:

1. **Id-deċiżjoni hija waħda arbitrarja mingħajr ebda spjegazzjoni jew motivazzjoni, u wkoll li l-istess deċiżjoni ttieħdet in vjolazzjoni tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali;**
2. **Huwa kellu aspettattiva leġittima li jidħol fiż-żarbun ta' zijuh għal dak li jirrigwarda l-inkwilinat u l-konklużżjoni tal-kuntratt ta' bejgħ u xiri.**

Illi dan it-Tribunal mhux ħa jinoltra ruħu fl-aggravju dwar il-kwistjoni jekk ir-rikorrenti għandux dritt jew le jikkonkludi l-kuntratt ta' bejgħ u xiri mal-Awtorita` intimata siccome` dan il-mertu huwa pendenti quddiem forum ieħor, u *cioe*` l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili.

Dak li se jeżamina dan it-Tribunal huwa jekk id-deċiżjoni appellata kinitx waħda arbitrarja msejsa fuq nuqqas ta' motivazzjoni jew spjegazzjoni, u jekk l-Awtorita` hijiex obbligata li fid-deċiżjonijiet tagħha tħares il-prinċipji tal-gustizzja naturali.

Illi r-rikorrent jilmenta mill-fatt illi d-deċiżjoni appellata ma hix motivata. Huwa jisħaq illi dan imur kontra l-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba ai termini tal-artikolu 3 (2) tal-Kapitolu 490 tal-Liġijiet ta' Malta (Att Dwar il-Ġustizzja Amministrattiva). Huwa fil-fatt jikkwota artikolu 3 (2) (h) tal-istess

Leġislazzjoni li jgħid li *"Tribunal Amministrattiv għandu jagħti, b'mod biżżejjed ċar, il-motivi li fuqhom tkun mibnija deċiżjoni".*

Illi jibda biex jingħad illi l-Awtorita` intimata ma hix "Tribunal Amministrattiv" ai termini tal-Kapitolu 490 tal-Liġijet ta' Malta u lanqas hija xi entita kważi-ġudizzjarja. L-Awtorita` intimata hija korp regolatur fil-qasam tal-akkomodazzjoni soċjali f'pajjiżna u ai termini tal-artikolu 4 (h) tal-Att Dwar l-Awtorita` tad-Djar, l-istess Awtorita` għandha l-funzjoni, fost affarijiet oħra, li *"teżegwixxi tkeċċijiet jew kull infurzar tal-liġi li għandhom x'jaqsmu ma' proprjetà li hija proprjetà tagħha jew amministrata minnha*." Kwindi artikolu 3 tal-Kapitolu 490 ma japplikax għal deċiżjonijiet meħuda minnha la darba ma tistax tiġi kklassfifikata bħala tribunal amministrattiv.

Illi madankollu hemm diversi linji ta' ħsieb jekk l-osservanza tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali hijiex tassattiva meta tittieħed deċiżjoni amministrattiva mhux emanenti minn tribunal ġudizzjarju jew kważi-ġudizzjaru. Din il-kwistjoni ġiet diversi drabi dibattuta, l-iktar barra minn xtutna. Fil-ktieb tiegħu ***Judicial Review of Administrative Action in* Malta,** Dr. Tonio Borg jiċċita każ ta' Qorti Ingliża u jgħid hekk:

*"In Ridge vs Baldwin,[4] this definition was extended to apply also to administrative decisions. If a decision seriously affects individual interests, natural justice or fairness must be observed irrespective of the label applicable to that decision. Prior to Ridge vs Baldwin, even such important decisions as revoking a trader's licence[5] were held to be non-judicial and not subject to these rules. Ridge v. Baldwin changed all that and the list contained in such case where natural justice applies included:*

*(a) Where there is a lis inter partes;*
*(b) Where a person's livelihood is at stake;*
*(c) Where the decision will deprive a person of an office or status as distinguished from ordinary employment;*
*(d) Where property interests are at stake;"*

*The rules did not apply:*

*(a) Where a decision was legislative in character; and*
*(b) Where a decision was said to be administrative in character, for example because it is not a final determination of rights, or because it is not an essentially discretionary decision rather than a determination of a question*

[4] (1964) A.C. 49.
[5] Nakkuda Ali v. Jayaratne (1951) (A.C. 66).

*of law or fact; or because there is no lis inter partes. In such cases a limited application of the rules may be made."*

Illi l-Qrati tagħna mhux dejjem irrikonoxxew dawn il-prinċipji għal deċiżjonijiet mhux ġudizzjarji jew kważi-ġudizzjarji. Madanakollu fis-sentenza fl-ismijiet **Mary Grech vs Ministru Responsabbli għall-Iżvilupp tal-Infrastruttura**[6] ġie deċiż illi f'materji fejn se jintlaqtu d-drittijiet tal-individwu, bħal fil-każ meta jiġi revokat permess għall-iżvilupp, huwa prinċipju tal-ġustizzja li l-awtorita` li qiegħda tirrevoka l-permess kellha l-ewwel u qabel kollox tisma' lill-partijiet kollha konċernati qabel teffettwa tali revoka.

Il-ġurisprudenza Maltija, partikolarment tramite s-sentenzi mogħtija mill-Onor. Imħallef Philip Sciberras, estendiet il-kunċett tat-tħaris tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali għall-għoti tar-raġunijiet li fuqhom tkun imsejjsa d-deċiżjoni amministrattiva. Illi fil-każ odjern, it-Tribunal isib illi il-prinċipji li deċiżjoni amministrattiva trid tkun motivata u wkoll li persuna li tkun se tiġi affettwata bid-deċiżjoni tingħata smiegħ huma nieqsa. Bi smiegħ it-Tribunal ma jfissirx neċessarjament smiegħ orali, iżda jkun suffiċjenti li l-persuna li se tiġi affettwata tingħata opportunita` tirribatti dak li tkun qiegħda tallega awtorita` pubblika.

Illi dan it-Tribunal jagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Dr. Kristina Vella vs Il-Bord dwar il-Professjoni tal-Psikoloġija f'Malta** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-3 ta' Ottubru 2019, fejn intqal hekk:

*"Fil-fehma ta' din il-Qorti, kif ippreseduta, il-prinċipju tas-smiegħ xieraq ma jsarrafx dejjem u awtomatikament fil-ħtieġa tal-għoti tar-raġunijiet. Ħafna jiddependi miċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. L-għoti tar-raġunijiet fih il-vantaġġ li jinkoraġixxi l-evaluwazzjoni bir-reqqa tal-kunsiderazzjonijiet involuti, l-eliminazzjoni ta' kunsiderazzjonijiet estranji, konsistenza fid-deċiżjonijiet, u gwida dwar deċiżjonijiet futuri. Fi kliem ieħor, ineħħi d-dubbji dwar ir-raġonevolezza tad-deċiżjoni li tant attakkat l-attriċi f'din il-kawża. Fih ukoll żvantaġġi. F'xi każi jipperikola s-sigurta` nazzjonali; f'oħrajn tinkoraġixxi deċiżjonijiet fuq raġunijiet "standard" u riġidi u tiddiskoraġġixxi deċiżjonijiet diffiċli jew kontroversjali;*

*Illi huwa wkoll problematiku sa liema livell għandhom jingħataw ir-raġunijiet. Għal dan ma hemmx riga riġida u xi drabi l-ebda raġuni ma jkun jinħtieġ li tingħata. Id-De Smith*[7] *jgħid li "it remains difficult to state precisely the standard of reasoning the Court will demand.* ***Much depends upon the particular circumstances****"*[8]*;*

---

[6] Qorti ta' l-Appell 29 ta' Jannar 1993

[7] Op.cit. para 7-105, paġna 449

[8] Enfasi ta' dik il-Qorti

*Illi minkejja dawn id-diffikultajiet, "it is nonetheless essential that the courts do not allow the duty to give reasons to atrophy."*[9]

Illi t-Tribunal huwa tal-fehma illi wara li r-rikorrent għamel it-talba tiegħu sabiex jiġi rikonoxxut bħala inkwilin, l-inqas ħaġa li l-Awtorita` setgħet tagħmel huwa li tinnotifikah b'deċiżjoni li tagħtih raġuni għala l-istess talba kienet qiegħda tiġi rifjutata.

Illi minn qari tad-deċiżjoni appellata tat-12 ta' Marzu 2021 u tal-ittra li ppreċedietha, u cioe` dik tal-4 ta' Frar 2021, ma hemm l-ebda indikazzjoni abbażi ta' liema raġuni l-Awtorita` intimata ċaħdet it-talba tar-rikorrent sabiex ikun rikonoxxut bħala inkwilin tal-fond in kwistjoni. Kien biss fil-mori ta' dawn il-proċeduri li ntefa' dawl dwar il-vera raġuni tar-rifjut, liema raġuni kienet dik li fl-opinjoni tal-Awtorita`, ir-rikorrent ma kienx għex biżżejjed żmien ma' zijuh biex jiskatta l-proċess tar-rikonoxximent. Kif spjegat Mariella Mendez, l-ewwel fażi tal-proċess hija li jsiru spezzjonijiet sabiex jiġi verifikat min verament qiegħed jgħix fil-fond. Wara tali spezzjonijiet jittieħed in konsiderazzjoni l-perjodu li fih għamel jgħix il-persuna li tkun qiegħda titlob ir-rikonoxximent. Skont Mariella Mendez, l-Awtorita` ma kinitx konvinta li r-rikorrent kien ilu jgħix ma' zijuh daqs kemm kien qiegħed jallega. Dan in vista li kien qaleb l-indirizz tal-Karta tal-Identita` ftit xhur biss qabel zijuh ġie nieqes.

Illi pero` dawn l-ispjegazzjonijiet kollha ma gewx riflessi bl-ebda mod fid-deċiżjoni appellata. Illi lil hinn minn jekk ir-rikorrent huwiex legalment u fattwalment ġustifikat fit-talba mressqa minnu, it-Tribunal huwa tal-fehma li ma huwiex biżżejjed li awtorita` pubblika tesponi r-raġunijiet li wassluha għad-deċiżjoni tagħha meta tasal il-kwisjtoni quddiem dan it-Tribunal. Il-motivazzjoni għandha ssib postha fid-deċiżjoni li tiġi notifikata lill-parti interessata. U dan sabiex tpoġġi lil dik il-parti f'posizzjoni aħjar sabiex tevalwa l-possibiltajiet li għandha quddiemha, u cioe` jekk għandhiex tappella jew le minn tali deċiżjoni. Illi huwa għaqli wkoll illi qabel ma toħroġ deċiżjoni ta' dan it-tip, l-Awtorita` tinnotifika bl-intenzjoni tagħha lill-persuna konċernata u tagħtih żmien qasir sabiex jagħmel kwalunkwe sottomissjonijiet li jidhirlu xierqa. It-Tribunal jagħmilha ċara illi din mhix ħtieġa proċedurali li toħroġ mil-liġi pero` tajjeb li persuna ma tiġix rinfaċċata b'deċiżjoni finali mingħajr ma forsi tkun għamlet sottomissjonijiet ulterjuri li jiċċaraw is-sitwazzjoni tagħha jekk ikun il-każ. Illi f'dan il-każ partikolari it-Tribunal jidhirlu li hu xieraq li l-Awtorita` intimata meta terġa' tagħmel l-eżerċizzju li għamlet tinforma lir-rikorrent dwar l-intenzjoni tagħha u tagħtih żmien biex jirribatti, dak li jista' jirriżultalha.

[9] De Smith, op.cit. 7-109

Illi filwaqt li t-Tribunal japprezza x-xogħol delikat li għandha l-Awtorita` intimata meta tiġi biex tiżen il-bżonnijiet ta' numru kbir ta' persuni biex tipprovdilhom akkomodazzjoni soċjali, min-naħa l-oħra min jagħmel talba għal akkomodazzjoni soċjali għandu d-dritt ikun jaf għalxiex it-talba tiegħu tkun ġiet rifjutata. Dan huwa prinċipju bażiku li abbażi tiegħu trid timxi kull awtorita` pubblika.

Illi għaldaqstant, filwaqt li dan it-Tribunal se jkun qiegħed jannulla d-deċiżjoni appellata stante li għandha nuqqas ta' motivazzjoni, mhux se jinoltra ruħu iżjed fil-mertu sabiex iħallih impreġudikat.

**DECIDE**

Għaldaqstant it-Tribunal, fit-termini u limitazzjonijiet hawn fuq esposti, qiegħed jilqa' l-aggravju tar-rikorrent bażat fuq in-nuqqas ta' motivazzjoni tad-deċiżjoni appellata u għaldaqstant jirrevoka, jħassar u jannulla d-deċiżjoni tal-Awtorita` intimata datata 12 ta' Marzu 2021.

Bl-ispejjeż a karigu tal-Awtorita` intimata.

____________________

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**

__________

**Diane Gatt**
**Deputat Reġistratur**